**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 13/19**
**Data:** It-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2019
**Ħin:** 7:00PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**Skużati** Stephanie Fenech - Kunsilliera

**AĠENDA**

**13.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**13.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**13.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**13.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**13.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**13.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**13.07** **Żejt iż-Żejtun**
**13.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**13.09** **Mozzjonijiet; u**
**13.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**13. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Fenech ma setgħatx tattendi minħabba li tinsab imsiefra. Imejl annessa. | |

**13. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 12/19 u 2 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 13. 2. 1 | 12.03.09 | Chircop: Monument f'Misraħ Carlo Diacono | Chircop irrimarka li l-isem irid jaqra RuneBo Jakabson. | Chircop |
| 13. 2. 2 | 12.06.02 | Chircop: *Team building events* | Chircop irrimarka li dawn ser ikunu għall-għalliema. | Chircop |
| 13. 2. 3 | 12.05.06 | Chircop: *Green Urban* | Chircop irrimarka li l-fondi ser ikunu mill-LESA. Għandha tiżdied ukoll Triq Ħabel ix-Xgħir. | Chircop |
| 13. 2. 4 | 12.05.02 | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* | Il-Viċi-Sindku talbet li tiżdied dwar l-approvazzjoni taz-*zebra crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ħniena peress li rċeviet diversi lmenti. | Viċi-Sindku |
| 13. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**13. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 2 | 1 | 12.02.01 | Baldacchino: problema tal-ħamiem | Baldacchino qal li min naħa tal-Federazzjoni tal-Ħamiem tawna l-ġranet li jistgħu jiltaqgħu magħna biex tinstab ġurnata sabiex issir il-laqgħa dwar kif tista' tissolva din il-problema. | Baldacchino |
| 13. | 2 | 2 | 12.05.01 | Caruana Raymond : Triq A. Cachia Zammit | Caruana reġa staqsa fiex wasalna dwar dak li ssuġerixxa. Is-Sindku qalet li ser niktbu lil TM sabiex naraw huma x'jaħsbu dwar dan. Issema wkoll t-traffic management li hemm bżonn isir fi Triq Santu Wistin u l-akwati. | Sindku |
| 13. | 2 | 3 | 12.02.04 | Chircop: Restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop informa lill-Kunsill li l-ewwel fażi tar-restawr tlesta, dak tal-bdil tal-ħajt li hu l-bażi. Issa jmiss li jibda r-restawr tan-niċċa. | Chircop |
| 13. | 2 | 4 | 12.03.09 | Chircop: Monument f'Misraħ Carlo Diacono | Chircop qal li ġie iffirmat il-kuntratt mal-artist / perit li se jieħu ħsieb dan il-proġett. Il-fondi ser ikunu qed jiġu mill-Fondi Spazju Kreattiv u *Infrastructure Malta.* Applikaw għal dawn il-fondi il-*Malta Unesco Youth Association.* Jixtieq li dan jiġi inawgurat ftit qabel Żejt iż-Żejtun 2020. Ser isiru it-tlett *workshops* mal-artisti. | Chircop |
| 13. | 2 | 5 | 12.06.04 | Chircop: Tours waqt l-attivita' tal-Isport | Chircop qal li t-tlett *tours* li ġew organizzati waqt l-attivita' tal-Isports saru u ipparteċipaw ħafna nies. Żied ukoll li ser jerġgħu jibdew il-Ghost Tours u dawn ser jispiċċaw l-Arti u Artiġjanat. | Chircop |
| 13. | 2 | 6 | 12.10.01 | Chircop: Wirja tal-Filatelija | Chircop qal li l-wirja tal-filatelija waqt Żejt iż-Żejtun saret u kienet suċċess. Issieħbu wkoll diversi membri ġodda fil-Grupp tal-Filatelija. | Chircop |
| 13. | 2 | 7 | | Abela A: *Clean up day* | Abela qalet li ġiet organizzata ġurnata ta' tindif fl-akkwati ta' Ġebel San Martin. Kienu preżenti wkoll l-Iscouts, u Wirt iż-Żejtun kif ukoll kunsilliera. | Abela A |
| 13. | 2 | 8 | | Camilleri: Premju Anzjanita' Attiva | Camilleri qalet li ġiet innominata is-Sinjura Lorenza Bonavia għall-Premju Anzjanita' Attiva. | |
| 13. | 2 | 9 | | Camilleri: Stand waqt Żejt iż-Żejtun | Camilleri qalet li t-tfal ta' Skola Sajf ipparteċipaw waqt Żejt iż-Żejtun fejn itella' stand u ġew esebiti d-diversi xogħolijiet li t-tfal bl-għajnuna tal-għalliema esebixxew. Kien hemm preżenti wkoll ħafna tfal fejn pinġew affarijiet relatati maż-żejt u għamlu krafts waqt l-attivita'. | Camilleri |
| 13. | 2 | 10 | 12.06.01 | Viċi-Sindku: *Weekend Break* | Il-Viċi-Sindku qalet li l-*Weekend Break* sar u kien suċċess. | Viċi-Sindku |

**13 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 1 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li t-tender għalqet u qegħdin fil-proċess sabiex jiġu evalwati. | Segretarju Eżekuttiv |
| 13 | 3 | 2 | | Sindku: Triq Ħabel ix-Xgħir | Is-Sindku qalet li ix-xogħol fuq Triq Ħabel ix-Xgħir miexi sew bil-kuntrattur tagħna u għandna l-ewwel biċċa tal-wiċċ tat-triq lest bil-*printcrete.* Żiedet li peress li hija triq dejqa, ix-xogħol irid jinqasam biex dejjem jitħalla l-aċċess għar-residenti. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 3 | Sindku: *Sports Weekend* | Is-Sindku qalet li fuq inizjattiva tal-Kunsilliera Fenech, bejn l-20 u 22 ta' Settembru, il-Kunsill Lokali bl-għajnuna ta' *Sports Malta* u *Move,* organizza tlett ijiem ta' attivitajiet sportivi fuq iz-zuntier tal-knisja, fl-iSkate Park kif ukoll fi Pjazza Gregorio Bonici u l-madwar fejn dawk preżenti ħadu gost jagħmlu l-attivita' sportiva preferuta tagħhom. Il-fondi għall-attivita' sportiva tas-Sibt filgħodu, ġew mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Ħadd ġiet ukoll iċċelebrata il-*car free day* bħala parti mill-istess attivitajiet. Żiedet li din kienet suċċess peress li kien hawn konkorrenza tajba ħafna u saħqet li dawn l-attivitajiet għandhom isiru iktar spiss sabiex il-familji u r-residenti jkunu jistgħu igawdu ċ-ċentru mingħajr karozzi. | Fenech |
| 13 | 3 | 4 | Sindku: Tħawwil ta' siġar | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mis-Sur Chris Ellul u s-Sa. Elaine Desira fejn urew ix-xewqa li jitħawwlu s-siġar. Filfatt tħawwlu 15 -il siġra indiġina fi Ġnien l-Għannejja Żwieten il-Ġimgħa, 20 ta' Settembru. Is-Sindku irringrazzjat lil din il-koppja u talbet li għandha tinbagħat ittra ta' ringrazzjament. | Sindku |
| 13 | 3 | 5 | Sindku: Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li kellna laqgħa ma' s-Sur Domnic Vella dwar it-*Traffic Management. Bħala Kunsill i* ssuġerejna li d-direzzjoni tat-traffiku ikun dejjem id-dħul peress li biex wieħed joħroġ għandu diversi alternattivi ta' toroq oħra. Kif jitlesta x-xogħol fi Triq il-Labour u Ħabel ix-Xgħir, jibda immedjatament ix-xogħol mill-kiuntrattur tagħna fuq din it-triq. | Sindku |
| 13 | 3 | 6 | Sindku: Ħaddiema manwali | Is-Sindku qalet li wara talba li konna għamilna biex inġibu ħaddiema manwali, il-Fondazzjoni għat-Tisbiħ ta-Żoni Turistiċi, taħt il-Ministeru tal-Onorevoli Konrad Mizzi, bagħtu tlett ħaddiema li bdew ix-xogħol fuq il-ħajt ta' Ġnien Mikiel Anton Vassalli kif ukoll ser isir manutenzjoni tal-bankijiet. Intbagħtu wkoll ħaddiema mir-Reġjun Xlokk fejn qed jagħmlu manutenzjoni tal-Ħajt minn barra ta' Ġnien San Girgor. Hija irringrazzjat lill-President u r-Reġjun kif ukoll lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi tal-għajnuna. | Sindku |
| 13 | 3 | 7 | Sindku: Ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li kellna laqgħa mal-kuntrattur s-Sur Chris Abela li ser ikun qed jagħmel ix-xogħol fuq dawn il-ħitan. Ix-xogħol dalwaqt jinbeda fil-ġimgħat li ġejjien. | Sindku |
| 13 | 3 | 8 | Sindku: Ċertifikati Kors tar-*Robotica* u *Coding* | Is-Sindku qalet li il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru saret il-preżentazzjoni lil 52 student b'ċertifikati minn TCTC wara li temmew b'suċċess il-kors tar-*Robotica* u *Coding.* Is-Sindku ħeġġet biex dawn il-korsijiet jibqgħu isiru. | Sindku / Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 9 | | Sindku: Tnehdija mill-WasteServ | Is-Sindku qalet li saret it-tnehdija mill-WasteServ dwar kampanja fuq l-immaniġġjar tal-iskart li ser tinbeda fejn vetturi speċjalizzati ser ikunu fl-irħula u bliet sabiex jiġbru skart li s-soltu jintrema fl-*amenity sites.* Preżenti kien hemm l-Onorevoli Ministru José Herrera, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis kif ukoll is-Sindku, il-Viċi-Sindku u kunsilliera. It-trakk ser ikun iż-Żejtun kull l-ewwel erbgħa tax-xahar f'Misraħ Wistin Abela. | Sindku |
| 13 | 3 | 10 | 29 | Wirt iż-Żejtun - Proġett ta' tisbiħ ta' sqaqin u toroq bi pjanti | Wirt iż-Żejtun infurmawna li ser issir applikazzjoni lill-VOPS sabiex jitħaddru t-toroq u sqaqin bi pjanti. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sa massimu ta' €5000 sabiex jgħin f'dan il-proġett. | Chircop |
| 13 | 3 | 11 | 30 | Yves Rica: Miżuri biex jitnaqqas il-periklu fi Triq Sant' Anġlu | Wara diskussjoni dwar x'jista' jsir sabiex jitnaqqas il-periklu ta' sewqan f'din it-triq ġie maqbul li għandha issir One-Way it-triq li tagħti għal Triq Sant'Anglu. Dwar l-*isleeping police* ser tiġi diskussa iktar x'jista' jsir. | Sindku |
| 13 | 3 | 12 | | Kunċert mit-Tenur Joseph Lia | Il-Kunsill irċieva korrispondenza fejn qed jiġi suġġerit li jsir kunċert għall-klarient u orgni fil-Knisja ta' San Girgor fil-5 ta' Diċembru 2019 bħala parti mill-*International Organ Festival*. Il-Kunsill qabel li dan il-kunċert għandu jsir fil-Knisja ta' San Girgor u għandna nħallsu erbgħin fil-mija tal-ispejjes li jammontaw għal €2400. | Chircop |

**13. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 4 | 1 | | Camilleri: Kotba għall-librerija | Camilleri staqsiet dwar il-possibilta' li jinxtraw iktar kotba għall-librerija. Ser niċċekjaw dwar l-fond li kien jinħareġ. | Camilleri |
| 13 | 4 | 2 | | Camilleri: Tiżjin ta' toroq għal Milied | Camilleri staqsiet dwar il-kuntrattur. Is-Sindku qalet li l-kuntratt skadilu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tinħareġ *Call for Quotations* sabiex jinstab kuntrattur ġdid. | Segretarju Eżekuttiv |
| 13 | 4 | 3 | | Camilleri: *Sleeping Police* fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Camilleri staqsiet dwar kif għada ma twaħħlitx peress li din ġiet approvata. Is-Sindku talbet li għandha titnizzel mal-lista ta' xogħolijiet li jmiss. | Caruana Raymond |
| 13 | 4 | 4 | 12.05.02 | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex waslet l-applikazzjoni għaż-*zebra crossing* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadna bla tweġiba. | Segretarju Eżekuttiv |
| 13 | 4 | 5 | 12.09.01 | Viċi-Sindku: Applikazzjoni għar-restawr tal-Kapella tas-Salvatur | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex waslet. Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni saret u rridu nistennew sabiex tiġi approvata. | Segretarju Eżekuttiv |

**13. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 5 | 1 | | Camilleri: Siġra perikoluża | Camilleri infurmat lil Kunsill li hemm palma perikoluża fi Triq il-Falkunier sabiex tittieħed azzjoni peress li l-għeruq qed jerfgħu l-art u hemm ċans li taqa'. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 5 | 2 | Viċi-Sindku: *Double yellow lines* | Il-Viċi-Sindku qalet li rċeviet diversi ilmenti u għandhom isiru double yellow lines / junction box fi Sqaq il-Vitorja peress li qed jipparkjaw u jagħlqu l-aċċess. | Sindku |
| 13 | 5 | 3 | Chircop: Aċċess għall-Sqaq ta' Tavlin | Chircop issuġerixxa li għandha tiġi kkonsidrata li dan is-sqaq jingħalaq għall-vetturi. | Sindku |
| 13 | 5 | 4 | Camilleri: Bukkett fjuri | Camilleri qalet li ġie preżentat bukkett fjuri li għalqet l-eta sabiħa ta' 100 sena. | Camilleri |
| 13 | 5 | 5 | Chircop: Ritratti fil-bini tal-Kunsill | Chircop qal li qed jaħdem sabiex jiġu pprintjati sett ritratti għar-*reception* u s-sala tal-laqgħat sabiex jissebħu l-ħitan. | Chircop |
| 13 | 5 | 6 | Baldacchino: linji fi Triq Maria Stella Caruana | Baldacchino qal li jeħtieġ li jsiru l-linji f'din it-triq. | Sindku |
| 13 | 5 | 7 | Sindku: Manutenzjoni ta' Blokki I u G f'Qasam Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li rċevejna korrispondenza mill-Awtorita' tad-Djar. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda sabiex il-proċess tal-għażla tal-kuntrattur isir mill-P.A. kif sar fi skemi oħra. | Viċi-Sindku |

**13. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 6. | 1 | Camilleri: Tan-Nanna Ħelu Manna | Camilleri qalet li ser tkun qed tqassam fl-iskejjel applikazzjonijiet għal dawk l-istudenti li jixtiequ jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva. | Camilleri |
| 13. | 6. | 2 | Viċi-Sindku: Santa Fferoċjata | Il-Viċi-Sindku qalet li l-Kids Club flimkien ma' 4Jays ser itellgħu dramm bl-isem Santa Fferoċjata f'Sala Ġużeppina Curmi bejn il-1 u t-3 ta' Novembru. | Viċi-Sindku |
| 13. | 6. | 3 | Viċi-Sindku: Tan-Nanna Ħelu Manna | Il-Viċi-Sindku qalet li l-Kids Club ser jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni. | Viċi-Sindku |
| 13. | 6. | 4 | Viċi-Sindku: Tqassim tal-ikel | Il-Viċi-Sindku qalet li bħal ma jsir is-soltu, ser jitqassam l-ikel mogħti mill-EU lill-persuni vulnerabbli. | Viċi-Sindku |
| 13. | 6. | 5 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li l-Kunċert Annwali tal-Milied ser isir fit-30 ta' Diċembru u ser ikunu mistiedna il-*Voca Choir*. | Chircop |

**13. 7. Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | | | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 7 | 1 | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku bdiet billi qalet li għall-sena oħra din l-attivita' kienet suċċess. Irringrazzjat lill-Viċi-Sindku u l-kunsilliera kif ukoll l-istaff għal mod kif tmexxa x-xogħol biex setgħat tiġi organizzata. Irringrazzjat ukoll lill-Għaqdiet. Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lil kulħadd. Qalet ukoll li l-gruppi tal-folklor ħadu pjaċir u irringrazzjat lill-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi għal oġġetti li ġew irregalati lilhom. Fost affarijiet oħra issemma li jridu jiżdiedu l-*bins* u jsir aħjar it-*traffic management* minħabba konfuzzjoni li kien hawn fit-toroq. | Sindku / Viċi-Sindku |

**13. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 8. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 09/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 13. | 8. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 13/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 13. | 8. | 3 | *Petty Cash* - Settembru 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta'Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €219.67 | Segretarju Eżekuttiv |

**13 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 9 | 1 | Chircop: Isem għall-Berġa taż-Żejtun | Chircop ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill sabiex la titlesta l-berġa din għandha tissemma għall-Blanche Huber peress li din kienet l-ewwel tabiba mara f'Malta, 100 sena ilu. L-isem għandu jkun Berġa Żejtun Blanche Huber. Wara diskussjoni din il-proposta inlaqgħet u ser tgħaddi għand il-Ministeru tas-Saħħa għall-approvazzjoni. | Chircop |

**13 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

Iffirmata

Maria Dolores Abela

Sindku

Iffirmata

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv